**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Frar 2022**

**Rikors nru: 129/2020 AGV :**

**FS**

**VS**

**Dr. Simon Micallef Stafrace u PL Luisa Tufigno bhala kuraturi deputati ghal assenti JFS (Passport Brittaniku nru; 525508394), b' digriet tad-9 ta' Settembru 2020.**

**Il-Qorti rat ir-rikors Guramentat ta' FS datat 2 ta' Settembru 2020 fejn** esponiet umilment u bil-gurament taghha kkonfermat li taf il-fatti personalment:

1. Illi minn relazzjoni bejn il-kontendenti, nhar is-27 ta' Dicembru 2011 twieled il-minuri MRF ;

2. Illi r-relazzjoni tal-kontendenti sfaxxat fix-xejn zmien ilu, madanakollu l-konvenut missier ftit li xejn kien prezenti fit-trobbija tal-wild, kemm emottivament u kemm finanzjarjament u konsegwentement il-piz dejjem waqa' esklussivament fuq l-esponenti omm;

3. Illi l-esponenti anke pruvat tasal fi ftehim ma' missier binha, f'dak li ghandu x'jaqsam mal-minuri, anke ghaliex huwa spiss wera x-xewqa li jirritorna lura f'pajjizu u effettivament f'Jannar 2020 huwa anke telaq mill-Gzejjer Maltin; izda minhabba inadempjenza tal-konvenut il-partijiet ma setghux jaslu ghall-ftehim u kellha ssir din il-kawza;

4. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat b'digriet tal-ghaxra ta' Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (10.07.2020);

**Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:**

1. Tafda l-kura u l-kustodja u t-tutela tal-minuri MRF esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi l-minuri jkompli jghix mal-Omm u b'dana illi d-

decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta’ natura ordinarja kif ukoll dawk ta’ natura straordinarja u cioe` dawk ta’ edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta’ passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat;

2. Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess jaghlaq it-tmintax-il sena jekk jiddeciedi li jieqaf mill-istudji tieghu u jibda jahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedi li jkompli bl-istudji tieghu fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat; b’dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma’ nofs l-ispejjez ta’ sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-istess minuri;

3. Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol li hu ghandu jew jista’ jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista’ jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li kull ghajnuniet ghal familja inkluz children’s allowance tal-wild MRF jigu ippercepiti fl-intier taghhom mill-esponenti omm u konsegwentement tordna lid-Direttur tas-Sigurta` Socjali biex jghaddi l-istess lill-esponenti omm;

5. Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri MRF, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta ta' Dr. Simon Micallef Stafrace u PL. LuisaTufigno datata 1 ta' Dicembru 2020 fejn bil-qim jghidu ;**

**1.** Illi l-esponenti ma humiex edotti mil-fatti u ghalhekk qed ijirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f' kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

**Salv risposta ulterjuri.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tikkoncerna talba sabiex il-kura w kustodja ta' tifel minuri tigi fdata f'idejn l-omm ad eskluzjoni tal-missier. Mill-informazzjoni prodotta quddiem din il-Qorti, il-konvenut ma jirrisjedix Malta u mhuwiex maghruf fejn jghix, ghalhekk inhatru kuraturi sabiex jirrappresentaw l-interessi tieghu. Jidher li l-Kuratur irnexxielu jaghmel kuntatt mas-Sur JFS u dan infurmah li kien

inkariga lil avukat privat. Madankollu, dan l-avukat qatt ma deher f'din il-kawza, u qatt ma assuma l-patrocinju tieghu, u ghalhekk il-Qorti ordnat il-prosegwiment tas-smigh tal-kawza bil-kuraturi jirrappresentaw lill-konvenut skond il-ligi u l-procedura tal-qrati ta' Malta.

Illi din il-Qorti ghandha biss il-verzjoni ta' fatti kif esposti mill-attrici, peress illi l-konvenut ma ressaq ebda provi fil-kawza. Ghalhekk, ladarba ma gew prodotti ebda provi min-naha tal-konvenut li jirribattu jew jikkontradixxu dak li ntqal mill-attrici. il-Qorti tqis il-verzjoni ta' fatti prodotti minnha bhala ippruvati.

Il-Qorti rat l-affidavit tal-istess attrici u ta' ommha, kif ukoll semghet ix-xiehda ta' Dr Claire Francica u tat-terapista Paula Cassar, fost diversi xhieda ohra. Fi ftit kliem, a skans ta' ripetizzjoni u ta' emfasi zejda fuq certu incidenti, bizzejjed jinghad li l-attrici ghamlet hilitha biex rabbiet lit-tifel minuri in kwistjoni, minghajr wisq interventi jew ghinuna mill-konvenut, missier il-minuri. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tirrepeti dak li ntqal minx-xhieda, kemm rigward ir-relazzjoni li kellhom il-partijiet u li spiccat fix-xejn, kif ukoll ghad-diffikultajiet konsiderevoli li l-minuri kellu, u li b'xorti tajba u b'terapija akkurata, dawn gew meghluba. Ghalhekk zgur huwa ta' soddisfazzjon ghall-attrici li l-isforzi kbar taghha fil-kura tat-tifel issarrfu f'risultati sbieh ghalihom bhala familja. Skond l-istess xhieda, in-nanna paterna, omm l-istess attrici, ukoll kienet strumentali fl-ghinuna li tat lil bintha fil-kura tal-minuri. Sfortunatament, il-missier jidher li kien assenti minn dan il-kwadru, izda bl-intervent f'waqtu u bl-ghinuna li taw Dr Francica u Ms Cassar, it-tifel M gheleb dawn l-ostakoli kollha.

Illi ghalhekk, il-kura w kustodja tal-minuri ser tigi vestita f'ommu l-attrici. Kwantu ghall-manteniment, il-Qorti hija nieqsa minn prova li juri d-dhul tal-konvenut, biex jigu esaminati l-mezzi tieghu u b'hekk jkun hemm ordni ghall-hlas li huwa gust u ekwu fic-cirkostanzi. Il-minuri llum ghandu l-eta' ta' ghaxar

snin. Fil-passat, il-konvenut kien ihallas €200 fix-xahar ghall-minuri, bi qbil bejn il-partijiet. L-ahhar li sar hlas f'dan l-ammont kien Novembru 2019. Minn dakinhar, il-konvenut ma hallas xejn aktar. L-ispejjez kollha li kellha l-attrici ghat-trobbija tat-tifel, inkluz il-hafna sessjonijiet ta' terapija tat-tifel, kollha thallsu minnha jew minn ommha.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li manteniment gust huwa fl-ammont ta' €250 fix-xahar, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez ordinarji ta' sahha w edukazzjoni. Dan l-ammont ghandu joghla ghal €300 fix-xahar meta l-minuri jaghlaq l-eta' ta' hmistax-il sena, u jibqa' hekk jithalls sa ma t-tifel jkollu 23 sena, jekk jibqa' jistudja fuq bazi 'full time' u ma jkollux impieg fiss.

Il-Qorti sincerament tawgura li dan il-kapitlu huwa maghluq, u l-attrici u binha jkunu jistghu jippjanaw hajjithom ahjar. Il-Qorti tawgura wkoll li l-kovenut jaghraf ir-responsabbiltajiet tieghu bhala missier u, jekk xejn, jibda jikkontribwixxi b'mod konkret ghall-hajja u ghall-ghixien ta' Mason.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet attrici.

1. Tafda l-kura u l-kustodja u t-tutela tal-minuri MRF esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi l-minuri jkompli jghix mal-Omm u b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta'

edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat;

2. Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri fis-somma ta' €250 fix-xahar, li joghla ghal €300 fix-xahar meta l-minuri jaghlaq hmistax-il sena (15), liema somma tinkludi nofs l-ispejjez ordinarji ta' sahha w edukazzjoni, u dan sakemm l-istess jaghlaq it-tmintax-il sena jekk jiddeciedi li jieqaf mill-istudji tieghu u jibda jahdem fuq bazi full time, jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk jiddeciedi li jkompli bl-istudji tieghu fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex ihallas il-manteniment hekk kif likwidat.
   L-ispejjez ta' terapija, ta' attivitajiet extra-kurrikulari u spejjez ohra straordinarji tal-istess minuri jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

3. Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut, mill-impjieg jew xoghol li hu ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li kull ghajnuniet ghal familja inkluz children's allowance tal-wild MRF jigu ippercepiti fl-intier taghhom mill-esponenti omm u konsegwentement tordna lid-Direttur tas-Sigurta` Socjali biex jghaddi l-istess lill-esponenti omm;

5. Tawtorizza lill-attrici tiehu d-decizjonijiet kollha rigward is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati provizorjament mill-attrici, izda li jsiru rikuperabbli interament mill-konvenut, fl-eventwalita' li dan jigi rintraccat.

**Imhallef**

**Anthony G. Vella** **Cettina Gauci- Dep Reg**